

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ANDORRA

tal-25 ta' Jannar 2012

li tistabbilixxi l-lista ta' dispożizzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà doganali prevista mill-Artikolu 12b(1) tal-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra

(2012/57/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra, iffirmit fil-Lussemburgu fit-28 ta' Ġunju 1990, ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 12b(1) tiegħu,

Billi l-Artikolu 12b(1) jistipula li l-Prinċipat ta' Andorra għandu jadotta l-miżuri doganali ta' sigurtà applikati mill-Unjoni u li għandha tiġi stabbilita lista dettaljata tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati tal-acquis communautaire mill-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 17 tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-lista tad-dispożizzjonijiet tal-acquis communautaire li għandhom jiġu adottati mill-Prinċipat ta' Andorra taħt l-Artikolu 12b(1) tal-Ftehim hija stabbilita kif ġej:

Kategorija tal-Miżuri doganali ta' sigurtà	Dispożizzjonijiet tal-kodiċi doganali komunitarju — Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 <sup>(1)</sup>	Dispożizzjonijiet b'applikazzjoni tal-kodiċi doganali komunitarju — Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 <sup>(2)</sup>
Dikjarazzjonijiet qabel id-dħul u l-ħruġ tal-merkanzija	Dħul: Artikoli 36a sa 36c	Dħul: Artikoli 181b sa 184c
	Ħruġ: Artikoli 182a sa 182d	Ħruġ: — Artikoli 592a sa 592d u 592f (dikjarazzjoni doganali għall-esportazzjoni) — Artikoli 842a sa 842f (dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ)
Operatur ekonomiku awtorizzat	Artikolu 5a	Artikoli 14a sa 14d, 14f sa 14k u 14q sa 14x
Il-kontrolli doganali ta' sigurtà u l-ġestjoni tar-riskji fil-qasam tas-sigurtà	Artikolu 13	Ġenerali: Artikoli 4f sa 4j Dħul: Artikoli 184d sa 184e Ħruġ: — Artikoli 592e sa 592g (dikjarazzjoni doganali għall-esportazzjoni) — Artikolu 842d(2) (dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ)

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1; Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 02, Vol 06, p. 3).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

---